

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
  - Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tal-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentalni tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Artikolu 41(1) tal-Karta flimkien mal-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) tal-imsemmija karta.
- 

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2021 – Amort et vs Il-Kummissjoni**

(**Kawża T-136/21**)

(2021/C 148/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Heidi Amort (Jenesien, l-Italja) u 37 rikorrent ieħor (rappreżentant: R. Holzeisen, avukata)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ĝeneralji jogħġobha tannulla d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni kkontestata.,.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors kontra d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2021) 94 (final) tas-6 ta' Jannar 2021 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq skond ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal "COVID-19 Vaccine Moderna – Vaċċin tal-mRNA tal-COVID-19 (b'nucleoside modifikat)", prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem, huwa bbażat fuq il-motivi li ġejjin.

1. L-ewwel motiv: id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni kkontestata tikser il-punti 1 u 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 507/2006 (!). Skont ir-rikorrenti ġie pprovat xjentifikament li l-paniku mifrux mad-din ja kollha minħabba r-rata għolja ta' mwiet allegatament assoċċjata mal-infekzjoni SARS-CoV-2 huwa infondat. Barra minn hekk, il-WHO u l-UE ma kinux debitament irrikonoxxew is-sitwazzjoni ta' kriżi f'termini ta' theddida għas-saħħha pubblika.

2. It-tieni motiv: id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni kkontestata tikser l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 507/2006 minħabba:

- l-assenza ta' bilanċ riskju-benefiċċju pożittiv stabbilit fil-punt 28a tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE (?);
- l-assenza tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 507/2006, peress li l-applikant probabbilment ma jkunx jista' jipprovdi d-data klinika sħiħa;
- l-assenza tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 507/2006 peress li ma hemm l-ebda htigħiġiet mediċi mhux indirizzati li jistgħu jiġu indirizzati mill-prodott mediċinali awtorizzat;
- l-assenza tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 507/2006.

3. It-tielet motiv: ksur tar-Regolament (KE) Nru 1394/2007<sup>(3)</sup>, tad-Direttiva 2001/83/KE u tar-Regolament (KE) Nru 726/2004<sup>(4)</sup>.

4. Ir-raba' motiv: ksur serju tal-Artikoli 168 u 169 TFUE kif ukoll tal-Artikoli 3, 35 u 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 507/2006 tad-29 ta' Marzu 2006 dwar l-awtorizzazzjoni kondizzjonali għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li jagħmlu parti mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2006, L 330M, p. 315).

<sup>(2)</sup> Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 13, Vol. 27, p. 69).

<sup>(3)</sup> Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avanza u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU 2007, L 324, p. 121, rettiffika fil-ĠU 2009, L 87, p. 174).

<sup>(4)</sup> Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 13, Vol. 34, p. 229).

### Rikors ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2021 – WIZZ Air Hungary vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-142/21)

(2021/C 148/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: WIZZ Air Hungary Légiközlekedési Zrt. (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentanti: E. Vahida, S. Rating, u I. Metaxas-Maranghidis, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta (UE) tal-20 ta' Awwissu 2020 fil-Każ dwarf l-ghajjnuna mill-Istat SA.57026 (2020/N) – Ir-Rumanja COVID-19: Aid to Blue Air<sup>(1)</sup>; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv, li jallega li l-konvenuta wettqet applikazzjoni żabaljata tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE kif ukoll żball manifest ta' evalwazzjoni fl-analiżi tagħha dwar il-proporzjonalità tal-ghajjnuna għad-danni kkawżati mill-kriżi COVID-19.
2. It-tieni motiv, li jallega difett fl-analiżi tal-konvenuta dwar il-kundizzjonijiet tal-el-ġibbiltà u tal-kompatibbiltà tal-ghajjnuna.
3. It-tielet motiv, li jallega li l-konvenuta kisret dispożizzjonijiet speċifiċi tat-TFUE u l-prinċipi ġenerali tad-dritt tal-Unjoni dwar il-probizzjoni ta' diskriminazzjoni, il-libertà li jiġi pprovduti servizzi u l-libertà ta' stabbiliment li kienu l-bażi tal-liberalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru fl-Unjoni sa mill-aħħar tas-snin 80<sup>(2)</sup>.